# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tas-16 ta' Settembru 2013**

**li taħtar membru Svediż fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

(2013/459/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 302 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Svediż,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-13 ta' Settembru 2010 l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/570/UE, Euratom li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2010 sal-20 ta' Settembru 2015 ([1]).

(2) Post ta' membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew sar vakanti wara t-tmiem tal-mandat tas-Sinjura Annika BRÖMS,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Jonas BERGGREN, *Kap tal-uffiċċju ta' Brussell tal-Konfederazzjoni tal-Impriżi Svediżi*, huwa b'dan maħtur bħala membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-20 ta' Settembru 2015.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Settembru 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. LINKEVIČIUS

([1]) ĠU L 251, 25.9.2010, p. 8.